MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 282/2006/1

**Vella Falzon Building Supplies Ltd**

**vs**

**Tourist Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Gunju, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti mis-socjeta’ Vella Falzon Building Supplies Ltd. nhar l-ghoxrin ta’ Settembru 2006 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ Tourist Services Ltd. (C3980) thallas is-somma ta’ elfejn, sitt mija seba’ u sittin Lira Maltin u seba’ u tmenin centezmu (Lm2,667.87) oltre l-imghax legali

rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut ghall-prezz ta’ merkanzija u materjali forniti lill-kumpanija konvenuta kif ukoll ta’ xoghol ta’ tqeghid u ta’ installazzjoni ta’ l-istess merkanzija u materjal maghmula mill-kumpanija attrici fuq appalt mill-kumpanija konvenuta fl-istabbilimenti St. George’s Park u Penthurst Apartments gewwa San Giljan.

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta, inkluz ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Gunju 2006, u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju prezententati kontestwalment ma’ dan l-avviz, u bl-ingunzjoni taghha in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Tourist Services Limited ipprezentata nhar il-hdax ta’ Ottubru 2006 fejn eccepiet :

*1. “Illi preliminarjament l-azzjoni hija perenta ai termini tal-Artikolu 2048(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

*2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni s-somma mitluba mhix dovuta ghaliex l-attrici naqset milli tlesti x-xoghol qabel l-istagun turistiku li jibda f’Mejju/Gunju 2004 sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ghat-turisti u sahansitra naqset milli tirrimedja d-difetti fix-xoghol ammessi minnha, liema xoghlijiet rimedjali kellhom fic-cirkostanzi jigu kompletati mill-impjegati tal-eccipjenti. Prospett ta’ korrispondenza hawn anness bhala Dokument TSL1;*

*3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet is-somma mitluba fir-rikors odjern lanqas hija korretta, ghaliex skond ir-records tal-intimata sar pagament ta’ sitt elef u hamsa u disghin Lira (Lm6,095) akkont u li l-attrici mputat lil dan il-kont, li ma giex ikkreditat kif*

*jirrizulta mill-ircevuta hawn annessa bhala Dokument TSL2.”*

Rat ir-rikors ipprezentat mill-kumpanija konvenuta Tourist Services Limited nhar id-disgha ta’ Frar, 2007 fejn esponiet is-segwenti:

“*Illi f’din il-kawza l-esponenti qajment l-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni hija “perenta ai termini ta’ l-Artikolu 2048 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.”*

*Illi bi zvista f’din l-eccezzjoni saret referenza ghall-artiklu zbaljat tal-ligi, stante li l-esponenti riedet tinvoka l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 u mhux 2048 (a) liema artikolu ma jezistix*”.

Illi in vista tas-suespost, is-socjeta konvenuta talbet korrezzjoni fl-ewwel eccezzjoni taghha, u dan ai termini ta’l-**Artikolu 175 tal-Kapitlu 12** tal-Ligijiet ta’ Malta illi tigi emendata l-ewwel eccezzjoni taghha a billi r-referenza ghall-“Artikolu 2048 (a)” tigi sostitwita bil-kelmiet “**Artikolu 2148 (a)”.**

Rat illi fis-seduta tad-disgha ta’ Marzu, 2007, l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici ddikjara li ma jsib l-ebda oggezzjoni ghar-rikors tas-socjeta’ konvenuta tad-disgha ta’ Frar, 2007. Konsegwentement il-Qorti laqghet it-talba kif kontenuta fl-istess rikors u ordnat il-korrezzjoni kif mitluba.

Rat ix-xhieda ta’ **Peter Paul Testaferrata Moroni Viani** moghtija minnu fis-seduta ta’ nhar il-Hamis hamsa u ghoxrin t’April, 2007 (a fol. 44) fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ Direttur tas-socjeta’ Tourist Services Limited. Rigward it-talba ghal hlas ta’ merkanzija u materjali forniti mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ elfejn sitt mija u sebgha u sittin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,667.87),

qal li effettivament m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici.

Rat li dakinhar tal-hamsa u ghoxrin t'April, 2007 xehed ukoll **Alex Vella Falzon** (a fol. 45 et seq.) fil-kapacita tieghu ta' Direttur tas-socjeta' attrici Vella Falzon Building Supplies Limited. Ikkonferma li l-ammont ta' elfejn sitt mija u sebgha u sittin Lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,667.87) mitlub minnhom fl-avviz, ghadu dovut mis-socjeta' konvenuta sal-lum.  Spjega li din is-somma tirrapprezenta materjal mixtri mis-socjeta' konvenuta, u servizzi lilha moghtija bhal zebgha, ghal-lukandi taghhom go San Giljan.  Qal ukoll li l-ahhar pagament li s-socjeta' konvenuta ghamlet kien fl-20 t'April, 2006, fl-ammont ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3000).  Spjega li mir-registru tal-pagamenti li jinzamm mis-socjeta' attrici jidher li dan il-hlas kien sar b'cekk numru 11810 mahrug minn Testaferrata Group intestat lil Alex Vella Falzon, u gie mghoddi lilu minn Peter Paul Testaferrata bhala *part payment* fuq il-kont li l-kumpanija konvenuta kellha ma' dik attrici. Spjega inoltre li l-kumpanija konvenuta ghandha tliet kontijiet mas-socjeta' attrici, kollha fuq l-isem Tourist Services Limited, u li l-pagament li kien sar ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3000) kellu jigi kreditat fuq it-tliet kontijiet.   Barra minn dan spjega wkoll li huwa kien biegh merkanzija lis-socjeta' Tourist Services Limited kemm ghan-nom tas-socjeta' Vella Valzon Building Supplies Limited, kif ukoll ghan-nom tal-kumpanija Vella Falzon Capital Projects Limited.

Mistoqsi jekk kienx hareg ricevuta ghal dan il-pagament, ikkonferma li kien ta ricevuta lil Peter Paul Testaferrata, li effettivament baghatha lil Tourist Services Limited u esebixxa kopja taghha li giet immarkata mill-Qorti bhala Dok. VF. Ikkonferma li fil-fatt ic-cekk issarraf.

In kontro-ezami qal li skond id-Dok. VF jidhirlu li s-socjeta' Italian Image Company Limited ma tezistix. Meta gie suggerit lilu mis-socjeta' konvenuta li s-socjeta' attrici ghandha kawza ohra pendenti quddiem gudikant iehor fil-konfront taghha, huwa wiegeb li ma jafx b'dan. Pero' qal li jista' jkun li hemm kawza fl-ismijiet "**Vella Falzon Building Supplies Limited –vs- Vella Falzon Capital Projects**." Gie muri d-dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u b'mod partikolari fol. 27 u fol. 28, u kkonferma li dan id-dokument huwa ntestat lil Italian Image Company Limited. Ikkonferma wkoll li dan id-dokument gie mibghu lil Tourist Services Limited fis-7 ta' Dicembru 2005. Ix-xhud esebixxa transaction history up to date ta' Vella Falzon Building Supplies Limited, li giet immarkata bhala Dok. VF1.

Rat li fis-seduta tal-hmistax ta' Gunju, 2007 il-partijiet ipprezentaw in-noti ta' referenzi taghhom dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u ghaddew kopji lil xulxin seduta stante ( fol. 52 -118).

Dakinhar ukoll l-avukati difensur tal-partijiet trattaw l-ewwel eccezzjoni preliminari u talbu lil Qorti taghti sentenza preliminari.

Rat is-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet premessi nhar l-erbgha u ghoxrin t'Ottubru 2007 dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fejn cahdet l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Fis-sitta ta' Novembru 2007 rega' xehed **Alex Vella Falzon** (a fol. 130 et seq.) fejn rega' kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz huwa dovut fl-intier tieghu u spjega li parti minn din is-somma tirrapprezenta konsenji fissi ta' materjal forniti lis-socjeta' konvenuta ghall-uzu fil-lukanda taghhom filwaqt li mitejn u ghoxrin Lira minnhom jirraprezentaw xoghlijiet ta' applikazzjoni ta'

zebgha fuq il-faccata ta’ l-istess lukanda. Qal li naturalment dan l-ammont huwa bilanc minn somma akbar. Mistqosi x’tip ta’ supplies kienu fornew lis-socjeta’ ntimata, qal li kien hemm diversi zebghat u items bhal toilet seats, madum, cement, u xi oggetti ohra simili. Mistoqsi wkoll jekk qattx ikkomunika mas-socjeta’ konvenuta dwar dan il-bilanc dovut, wiegeb li kemm-il darba kellem lil Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, u fil-fatt dan kien qallu li hu xtaq ihallas pero’ kien sab xi problemi fuq xi xoghlijiet li kienu saru fuq il-faccata tal-lukanda La Vallette. Qal li hu diversi drabi kien ipprova jispjegalu li l-problemi ma kinux rizultat tax-xoghol taghhom. Hawnhekk ghadda biex jispjega li s-socjeta’ attrici kull m’ghamlet kien li applikat zebgha fuq zebgha ohra diga’ ezistenti. Qal ukoll li l-lukanda kellha problemi ta’ waterproofing fuq il-bejt, u peress li l-opramorta kienet qed tixxarrab, iz-zebgha bdiet taqa’ minn fuqha. Qal li s-Sur Testaferrata Moroni Viani beda jipprova jitfa’ t-tort fuqhom u ghalhekk waqqaf ix-xoghlijiet u l-hlasijiet. Zied li l-problema li ghandhom il-konvenuti ghadha ma’ gietx rizolta u baqghu jaghtu passata fuq ohra.

Mistoqsi jekk kienx imur fuq il-lant tax-xoghol, wiegeb li effettivament kien imur b’mod regolari. Qal li fuq is-sit kien hemm bhala Manager certu Reno Grech. Semma li l-bilanc pendenti in konnessjoni max-xoghlijiet li saru fuq l-opramorta huwa ta’ mitejn u ghoxrin Lira filwaqt li l-ammont l-iehor huwa dovut ghal fornitura ta’ merkanzija li dwarha ma kienx hemm problemi. Esebixxa numru ta’ invoices li gew immarkati bhala Dok. VFBS24. Dawn huma *statement of accounts* li juru l-invoices li ghandhom pendenti sallum, u kopji tal-invoices relattivi.

<u>Rega’ kkonferma li l-parti l-kbira tal-ammont huwa dovut ghal fornitura ta’ merkanzija, u li mitejn u ghoxrin Lira biss huma dovuti ghal xoghol ta’</u>

zebgha, (sottolinear ta din il-Qorti), u dan jirrizulta wkoll mid-dokument li esebixxa seduta stante.

**Alex Vella Falzon** rega' xehed nhar it-tnax ta' Dicembru 2007 (a fol. 160 et seq.) fejn qal li x-xoghlijeit in kwistjoni saru fiz-zmien stipulat. Spjega li x-xoghol difettuz li rrefera ghalih Peter Paul Testaferrata Moroni Viani huwa l-fatt li kien hemm xi problemi ezistenti qabel ma huma bdew ix-xoghol ta' zebgha, u dawn kienu relatati ma' penetrazzjoni ta' umdita' minhabba li kien hemm nuqqas ta' water proofingu tibjid u ghalhekk l-opramorti kienu qeghdin jixxarbu. Qal li s-Sur Testaferrata kien jaf li tezisti din il-problema. Sostna li hu kien qal lis-Sur Testaferrata li billi jizbghu ma kienu se jsolvu xejn, pero' dan ma xtaqx jonfoq iktar, xtaq biss li jtuha laghqa zebgha. Pero' gara li wara ftit taz-zmien, xi sentejn jew tmintax-il xahar wara, bdew hergin l-irqajja'. Kompla jghid li s-Sur Testaferrata ppretenda li s-socjeta' attrici terga' tizbogh fejn kienet diga' zebghet, pero' x-xhud qal li hu kien tah parir li l-ewwel jitratta l-problema li kellu ta' umdita' u sussegwentement terga' ssir iz-zebgha, pero' dan irrifjuta u fil-fatt waqqaf il-hlas u ppretenda li l-attur jirrimedja s-sitwazzjoni. Dan insista li l-problema ma kinitx kwistjoni ta' zebgha. Huwa rega' tenna li l-progett tlesta fiz-zmien stipulat. Qal ukoll li saru diversi riparazzjonijiet ta' rqajja' li bdew jinqalghu, u li maz-zmien gdew jizdiedu l-problemi u l-irqajja' baqghu hergin, izda l-konvenut minflok ammetta li kellu tort ghax il-bini ma kienx skond l-arti u s-sengha, ppretenda li ma jhallasx. Ix-xhud hawnhekk esebixxa numru ta' ritratti mehuda kwazi sentejn wara li sar ix-xoghol, li gew immarkati bhala Dok AVF1 sa AVF9. Gew esebiti wkoll ritratti tat-tielet block li ma kienx sar xoghol fuqu mis-socjeta' attrici peress li kellu l-istess problema bhall-ohrajn u hu ma riedx li jkompli jaggrava s-sitwazzjoni. Dawn gew immarkati bhala Dok. AVF10 u AVF11. Spjega li dawn iz-zewg ritratti juru l-blokka li ma gietx mizbugha u

jidher evidenti hafna li l-problema tat-tixrib gejja mill-opramorta. Inoltre spjega wkoll li s-sinjali suwed li jidhru fir-rirtatt AVF9, apparti li mhux mizbugha, jirrizultaw mill-fatt li l-opramorta ma fihiex qlib u ghalhekk meta taghmel ix-xita, l-ilma u l-hmieg jinzel mal-faccata tal-bini. Qal li naturalment huwa dar mal-progett kollu u sab li din hija problema ohra.

Rigward il-hlas li l-konvenut qal li ghamel fl-ammont ta' sitt elef u hamsa u disghin Lira spjega li fil-25 ta' Awissu 2003 kienet harget fattura ghal dan l-ammont bin-numru 32999, liema fattura kienet tkopri xoghol ta' zebgha li s-socjeta' attrici kienet ghamlet fuq il-blokka La Valette, bhala full and final settlement. Sussegwenti l-hlas kienet harget ricevuta fis-26 ta' Awissu 2003 bin-numru 424 sa 427. Qal li dan l-ammont huwa kreditat kontra Tourist Services Limited kif jidher mit-transaction history.

Rat ukoll li fis-seduta ta' nhar it-Tnejn tmintax ta' Frar, 2008 xehed **Nazzareno Grech** ( a fol. 175 et seq.) li qal li fis-snin 2003 u 2004 huwa kien jahdem mas-socjeta' attrici bhala Project Manager u ddikjara li issa m'ghadux impjegat mal-istess socjeta'. Mistoqsi jekk jiftakarx ix-xoghlijiet li kienu qed isiru f'St. George's Park gewwa Paceville, wiegeb li jiftakar li s-socjeta' attrici kienet ghamlet xi xoghol ta' zebgha u li hu kien involut f'dan il-progett il-hin kollu billi kien jissorvelja dak li kien ikun ghaddej. Spjega li l-progett kien jikkonsisti f'xoghol ta' zebgha u tibjid fuq il-faccati tal-gallarijiet ta' St. George's Park u La Vallette. Meta gie muri r-ritratti esebiti fl-atti a fol. 163 et seq. ikkonferma li effettivament dawn ix-xoghlijiet kienu saru minnhom. Qal li waqt ix-xoghol ma kienx hemm problemi, anzi baqghu ghaddejjin b'mod normali. Iccara li f'parti mix-xoghol li kienu ghamlu kienu gibdu l-attenzjoni tas-socjeta' konvenuta, partikolarment ta' Peter Paul u Paul Testaferrata Moroni Viani, ghall-fatt li fuq in-naha ta' fuq tal-

opramorta ma kienx hemm waterproofing u allura l-bejt seta' jixrob xi ilma u jkun hemm xi problemi fit-tibjid u li minghajr il-waterproofing ix-xoghol ma jsirx tajjeb. Pero' dawn kienu qalulhom li huma xoghol ta' zebgha biss riedu jaghmlu, u ghalhekk huma kienu komplew bix-xoghol ta' tibjid. Stqarr li hu ma jafx ma' liema kumpanija kien qed jahdem, fis-sens li ghalih kien jahdem ma' Vella Falzon Group.

Nhar it-tmienja ta' Mejju, 2008 xehed **Peter Paul Testaferrata Moroni Viani** (a fol. 182 et seq.) li spjega li s-socjeta' konvenuta kienet qabbdet lil Vella Falzon Capital Projects Limited sabiex taghmel xi xoghlijiet ta' manutenzjoni fl-istabbiliment St. George's Park u Penthurst Apartments gewwa San Giljan, konsistenti f'dekorazzjonijeit, xoghol ta' madum, u fornitura ta' materjal. Stqarr li fil-fatt is-socjeta' attrici kienet fethet diversi kawzi kontra taghhom u huma qeghdin jikkontestawhom peress li fil-fehma tieghu ix-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Qal li sa fejn jaf hu kien ghad hemm kawza pendenti quddiem l-Imhallef Anna Felice. Qal ukoll li s-socjeta' attrici u cioe' s-socjeta' Vella Falzon Building Supplies Limited kienet biss responsabbli ghall-fornitura tal-materjal imma l-ammont kien akbar minn dak imsemmi fl-avviz. Zied li din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'zebghat u materjali forniti mal-kostruzzjoni. Ammetta li kien jircievi invoices minghand is-socjeta' attrici minn meta nbdew ix-xoghlijiet in kwistjoni pero' meta gie mistoqsi jekk qatt ra l-ittri VFBSL fuq il-korrispondenza li kien jibaghtlu Alex Vella Falzon, qal li ma jiftakarx dwar dan. Kompla jghid pero' li issa li jaf x'ifissru dawn l-ittri, jiftakar li fil-korrispondenza li kellu ma' Alex Vella Falzon, gieli semma li kien hemm xi kontijiet pendenti mas-socjeta' attrici.

Fis-seduta ta' wara, cioe' fl-erbgha u ghoxrin ta' Gunju, 2008 l-avukat difensur tas-socjeta'

konvenuta pprezenta nota li permezz taghha esebixxa kopja ta' affidavit maghmul u pprezentat minn Alexis Vella Falzon fi proceduri pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Vella Falzon Capital Projects Limited –vs- Tourist Services Limited"** (Rikors Nru. 853/2006 AF). Flimkien ma' dan l-affidavit gew ipprezentati wkoll xi dokumenti. Kompla jixhed Alex Vella Falzon in kontro-ezami (a fol. 185 et seq.) b'referenza ghal xi print-outs tal-website tas-socjeta' attrici. Dan id-dokument gie mmarkat komplessivament bhala Dok. CSH.

F'dan l-affidavit li kien mahluf quddiem Nutar Pubbliku nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Novembru 2006, **Alexis Vella Falzon** (fol. 189) ghal darb ohra spjega li huwa direttur u azzjonista fis-socjeta' Vella Falzon Capital Projects Limited u li huwa responsabbli ghat-treggija ta' progetti li l-istess socjeta' tkun apaltata li taghmel. Qal li x-xoghol principali tas-socjeta' huwa dak ta' Turnkey Projects ossia progetti relatati ma' *finishing u interior decoration* ta' progetti ta' kostruzzjoni jew tigdid ta' bini, nkluz tibjid, tqeghid ta' madum u materjali ohra ghall-art, kmamar tal-banju, installazzjoni ta' soffitti, u l-provista ta' materjali u xoghlijiet simili. Kkonferma li bejn is-socjetatjiet kontendenti (Vella Falzon Capital Projects Limited u Tourist Services limited) kien hemm relazzjoni li bdiet sa minn qabel is-sena 2003, meta gew appaltati x-xoghlijiet in kwistjoni. Jghid li Paul Testaferrata Moroni Viani kien avvicinah fis-sena 2003 u talbu jaghmel xi refurbishing ta' appartament fil-blokk maghruf bl-isem "Penthurst Appartments" gewwa San Giljan. Qal li huwa ltaqa' mas-Sur Testaferraata u ddiskutew x'kellu jsir u li kellu jipprovdi lay out tar-renovazzjoni. Qal li kienet saret laqgha ohra quddiem il-Perit Chris Gech. Hu baghat diversi stimi lis-socjeta' konvenuta, li jinsabu esebiti fl-atti u markati bhala dok AVF1 sa AVF5. Wara li dawn gew approvati, minnufih bdew bix-xoghlijiet. Qal li l-appartamenti

tlestew fi zmien erba' xhur u kienu abitabbli f'April 2004.

Qal li waqt li x-xoghol kien qed isir, is-socjeta konvenuta kienet titlob li jsir xoghol addizzjonali, li ma kinux ftehmu dwarhom, u li ghalhekk ix-xoghol tlesta xi sitt gimghat wara z-zmien prospettat t'erba' xhur. Illi kif jirrizulta mill-e-mail mibghuta lil Peter Paul Testaferrata Moroni Viani fl-10 ta' Mejju 2004 (Dok AVF 7) l-appartamenti kienu lesti sabiex jintuzaw u fil-fatt bdew jintuzaw u jinkrew lil terzi sa minn Mejju stess tas-sena 2004. Qal li x-xoghol kien kollu lest salv ghal xi haga zghir li tlestiet fi ftit sieghat fix-xahar ta' Gunju 2004. Ilmenti dwar dan ix-xoghol qatt ma kien hemm u fil-fatt kienu saru ftit pagamenti minghajr riserva wara li kien tlesta x-xoghol. Dawn ix-xoghlijiet kienu jiswew skond il-kontijiet Dok AVF8 sa AVF 11 fl-ammont ta' LM18,865.20

Illi fl-istess zmien gie mitlub sabiex jaghmlu xi xoghlijiet fil-lukanda f'St. George's Park San Giljan, u x-xoghol sar u nhargu l-kontijiet markati bhala Dok AVF12 sa AVF17 fl-ammont komplessiv ta' LM4,766.38. Ghalhekk is-somma totali tax-xoghlijiet li ghamlet is-socjeta' konvenuta gewwa l-appartamenti Penthurst u l-lukanda St. George's Park kienu jammontaw ghal LM23,631.58.

Fl-istess seduta, cioe' fl-erbgha u ghoxrin ta' Gunju 2008, rega' xehed **Alex Vella Falzon in kontro-ezami** li b'referenza ghal print-outs dwar il-website tas-socjeta' attrici li jinsabu annessi mal-affidavit immarkat bhala Dok. CSH, qal li dawn huma print-outs ta' website li kienet tezisti qabel u li ma kinitx il-website uzata fil-prezent. Spjega li s-socjeta' Italian Image m'ghadhiex topera u li l-operat taghha gie nkorporat fis-socjeta' Vella Falzon Building Supplies Limited. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, din is-socjeta' kienet waqqfet l-operat taghha fis-sena 2004. Ikkonferma li s-

socjeta’ Italian Image u s-socjeta’ Vella Falzon Capital Projects kienu jinsabu l-Qorti kontra s-socjeta’ Tourist Services Limited.

Fuq suggeriment lilu li effettivament ix-xoghol ta’ tqeghid ta’ madum ma sarx mis-socjeta’ Vella Falzon Building Supplies Limited imma mis-socjeta’ Vella Falzon Capital Projects, wiegeb li sa fejn kien jiftakar is-socjeta’ Vella Falzon Building Supplies Limited effettivament ma tigborx flus ta’ tqeghid ta’ madum pero’ ta’ mano d’opera bhal applikazzjoni ta’ zebgha. Spjega li s-socjeta’ Vella Falzon Building Supplies ghandha wkoll progetti taghha ndipendentement minn Vella Falzon Capital Projects Limited.

Mistoqsi jindika min kienu l-impjegati ta’ Vella Falzon Building Supplies Limited li effettivament hadmu fuq dan il-progett, qal li f’dan il-kaz kien hu stess, ghan-nom ta’ Vella Falzon Building Supplies Limited, li ghamel it-trattativi ma’ Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, pero’ kien il-Project Manager Reno Grech li ha hsieb l-appalt, li dak iz-zmien kien impjegat ta’ Vella Falzon Capital Project pero’ llum m’ghadux. Qal li meta l-Project Manager ta’ Vella Falzon Capital Project jaghmel servizzi ghas-socjeta’ Vella Falzon Building Supplies Limited, isir *recharge* intern.

Kompla jispjega li l-klijent ikun jaf ma’ min ikun qed jitratta skond il-kwotazzjoni li tinghatalu u cioe’ fuq liema *letterhead* tohrog. Qal ukoll li f’dan il-kaz ma kienx hemm ftehim bil-miktub, izda kienu saru diskussjonijiet verbali kif ukoll gew skambjati numru ta’ emails. Qal li huwa ghandu e-mail wiehed generiku ghaliex mhux prattiku li jkollok tliet e-mails ghal tliet kumpaniji differenti. Allura meta gie mistoqsi jekk f’dan il-kaz il-konvenut kienx jaf ma’ min kien qed jitratta, wiegeb li probabilment kienet saret diskussjoni verbali dwar dan peress li mill-e-mails skambjati ma jirrizultax bic-car ghal liema kumpanija kien qed jopera.

Apparti dan precedentement kienu ga saru xoghlijiet ghas-socjeta’ konvenuta li kien gie *invoiced* ghalihom minn Vella Falzon Building Supplies Limited. Saru l-istess tip ta’ xoghlijiet u gew imhallsa bl-istess sistema.

Ix-xhud kompla jghid li seta’ jesebixxi l-ETC form ta’ Reno Grech, pero’ x-xoghlijiet l-ohra saru minn impjegati li kienu sub-contracted, fis-sens li kienu ndividwi li ghamlu xoghol ghalih u thallsu apparti tieghu mhux bhala impjegati regolari tieghu. Ftakar li x-xoghol ta’ *mano d’opera* kien qabbad ragel Sirjan, certu Abdul, li issa m’ghadux jirrisjedi hawn Malta. Ipprometta li fis-seduta ta’ wara kellu jesebixxi ricevuti ta’ hlas li kien ghamel lil dan Abdul. Ikkonferma li ma kienx hemm *sub-contracting agreement*.

Illi nhar l-24 ta’ Gunju 2008 fuq talba tas-socjeta’ ntimata din il-Qorti nnominat lil AIC Mario Cassar a spejjez provizorji tal-istess socjeta’ sabiex jezamina x-xoghlijiet li saru fiz-zmien li saru.

Illi nhar it-30 ta’ Gunju 2008 s-socjeta attrici kienet talbet is-sostituzzjoni tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti, u cioe’ tal-Perit Mario Cassar ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors taghha a fol. 203, u wara li l-Qorit rat li s-socjeta’ intimata ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba attrici, laqghet it-talba taghha nhar it-23 ta’ Lulju 2008 u nnominat lil AIC Godwin Abela.

Nhar it-30 ta’ Dicembru 2008 is-socjeta’ attrci pprezentat affidavit iehor ta’ **Alexis Vella Falzon** flimkien ma’ diversi dokumenti (fol. 210). Stqarr li s-socjeta’ attrici tqabbdet biex tforni diversi tipi ta’ merkanzija u materjali lill-kumpaniji tas-socjeta’ konvenuta ghall-uzu tal-istabilimenti taghha gewwa San Giljan u tqabbdet ukoll sabiex taghmel xoghol ta’ tibjid fuq il-faccata tal-kumplessi maghrufa bhala St. George’s Park u La Vallette. Ikkonferma li s-socejta’ konvenuta kellha kont

wiehed biss maghhom rapprezentanti l-prezz tal-materjal konsenjat lilha kif ukoll ix-xoghol ta’ tibjid li sar, liema xoghol is-socjeta’ konvenuta qed tghid ma sarx skond is-sengha u l-arti. Qal li pero’ ma gewx inkarigati jaghmlu xoghol gdid ta’ zebgha, izda kellhom biss jaghtu passata zebgha fuq dak li kien hemm. Esebixxa ritratti li gew markati bhala dok AVF1 sa AVF3 (fol. 213 sa 215) li juru l-faccata li gew mitluba jizbghu, waqt li esebixxa wkoll zewg ritratti ohra li gew markati bhala dok AVF4 u AVF5 li juru partijiet mill-faccata mizbugha mill-gdid minnhom biz-zebgha taghhom.

Spjega kif sar ix-xoghol billi qal li l-ewwel tnaddfu l-ucuh tal-faccati kollha, billi barxuhom sabiex iz-zebgha antika illi kienet qed tinqala’ jew titqarqac titnehha u l-ucuh tal-faccati b’hekk jigu nodfa in preparazzjoni ghaz-zebgha gdida. Illi wara t-tindif applikaw passata *tie coat* tad-ditta Spanjola Monto bl-isem Emulsion Fijadora, skond l-*ispecifications* murija fid-dokument AVF6. Illi wara li nixfet l-ewwel passata *tie coat* applikaw zewg passati zebgha tal-istess ditta Monto bl-isem Montokril Liso bil-kuluri maghzula mill-kumpanija konvenuta, u wkoll skond *specifications* elenkati fid-dokument AVF7 esebit minnha. Iz-zebgha giet applikata permezz ta’ rollers. Ix-xoghlijiet saru fix-xitwa skond ir-rieda tas-socjeta’ konvenuta, peress illi x-xoghlijiet kellhom ikunu lesti ghall-istagun turistiku. Ikonferma pero’ li xoghlijiet fix-xita ma sarux. Qal li kien hemm partijiet tal-gebla li kienet imxarrba u huma kienu attiraw l-attenzjoni tas-socjeta’ konvenuta dwar dan, peress li seta’ kien hemm xi problema ta’ *adhesion*. Qal li hu kien kellem kemm lil Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, kif ukoll lil certu Edgar impjegat tas-socjeta’ konvenuta, izda dawn insistew mieghu li kellu jkompli ghaddej bix-xoghlijiet, ghaliex kull ma riedu kien a ‘*quick paint job’* u ma riedux li jsir il-*water proofing* kif issugerixxa hu.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Godwin Abela, li giet mahlufa minnu fl-erbgha ta' Marzu, 2010 u li giet immarkata mill-Qorti bhala Dok. GA. Fil-konkluzjonijiet tieghu il-Perit Abela jghid hekk:

*"L-esponent jissottometti bir-rispett is-segwenti konkluzjonijiet li jindirizzaw punti teknici bl-eskluzjoni ta' materja ta' natura legali mhux fil-kompetenza tieghu.*

*Illi fl-opinjoni tieghu ghal dak li jirrigwarda x-xiri tal-materjali forniti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta biex jintuzaw fuq il-faccati tal-kumplessi St. George's Park u La Vallette, dawn il-materjali ghandhom jithallsu in toto lis-socjeta' attrici;*

*Illi fl-opinjoni tieghu, ghal dak li jirrigwarda x-xoghol ta' applikazzjoni ta' tie coat u zewg passati zebgha fuq il-faccati tal-kumplessi hawn fuq imsemmija, jirrizulta mill-provi mressqin illi s-socjeta' attrici naqset, hlief ghal darba wahda, milli tirranga dawk id-difetti li dehru ftit wara li tlestew ix-xoghlijiet, u li ghaldaqstant mis-somma totali dovuta ghax-xoghlijiet, u li ghaldaqstant mis-somma totali dovuta ghax-xoghlijiet ta' zebgha, li kienet tammonta ghal €27,055.67 ghandha titnaqqas l-ekwivalenti ta' 10% jew €2705.57 minn tali somma bhala kumpens tan-nuqqas ta' rtukkjar jew tiswijiet mehtiega, w il-bilanc ta' €24,350.10 ghandu jithallas lis-socjeta' attrici; jekk diga' thallsu xi ammonti, dawn ghandhom jigu mnaqqsin minn dan il-bilanc"*.

Ikkunsidrat :

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma ndikata fl-avviz u cioe l-ammont ta' LM2,667.87 ekwivalenti ghal sitt elef, mitejn u erbatax-il Ewro u sitta u erbghin centezmu (€6214.46). Din il-Qorti diga tat sentenza dwar l-ecezzjoni preliminari sollevata

mis-socjeta' konvenuta dwar il-preskrizzjoni u ghalhekk issa jmiss gudizzju finali fuq il-mertu.

Dwar il-mertu s-socjeta' konvenuta sosniet illi l-ammont mhux dovut ghaliex fl-ewwel lok is-socjeta' attrici ma lestietx ix-xoghol fiz-zmien miftiehem, u cioe' qabel ma beda l-istagun turistiku f'Mejju/Gunju 2004, u fit-tieni lok naqset li taghmel ix-xoghlijiet rimedjali li kellhom isiru, kif indikat minnhom fid-dokument esebit mis-socjeta' konvenuta u markata bhala Dok TSL1, u fl-ahhar nett ghaliex is-somma mitluba mhix korretta ghaliex skond ir-*records* tas-socjeta' konvenuta hija diga hallset is-somma ta' LM6,095 akkont u din is-somma ma gietx akkreditata fil-kontijiet taghha li kellha mas-socjeta' attrici.

Illi preliminarjament jinghad li minn ezami tal-e-mails esebiti jirrizulta li l-maggor parti tax-xoghol kien tlesta sa mill-bidu ta' April 2004 u li kien ghad fadal xi cekcik zghir xi jsir, skond e-mail mibghuta minn Peter Paul Testaferrata Moroni Viani ghan-nom tas-socjeta' konvenuta lil Alex Vella Falzon ghan-nom tas-socjeta' attrici. Jirrizulta bla tlaqliq li s-socjeta' attrici kellha tieqaf ghal xi zmien milli tkompli bix-xoghlijiet rimedjali taghha ghaliex is-socjeta' konvenuta diga' kellha mistednin fl-appartamenti taghha (vide fol. 7 tal-atti e-mail datata 5 ta' April 2004). Illi in oltre jirrizulta wkoll li l-kont li s-socjeta' konvenuta kellha mas-socjeta' attrici kien wiehed sostanzjali u l-bilanc li kien ghad fadal kien *de minimis* u s-socjeta' konvenuta qatt ma qalet fid-diversi e-mails li baghtet li l-bilanc ma kienx dovut, anzi rriteniet li ma kienitx se thallas sakemm ix-xoghol rimedjali jitlesta. Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma tistax tghid li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ma kienx jirrappresenta l-bilanc.

Illi dwar ix-xoghol rimedjali li kien ghad-fadal u li s-socjeta' attrici ma kinitx qed tikkontesta, din il-Qorti fuq talba tas-socjeta' konvenuta stess

innominat lil AIC Godwin Abela sabiex jara d-dokumenti kollha u x-xhieda prodotta mill-partijiet f'din il-kawza u jara jekk dak mitlub mis-socjeta' attrici hux gustifikat.

Issa huwa minnu kif intqal fis-sentenza "**Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg"** **(**P.A. RCP 28 ta' Frar 2002**) li "***huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu li jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12**, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax tghmlu b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami."("* **Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C 29 ta' Mejju 1998; **Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca** – A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **John Saliba vs Joseph Farugia** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **Sammy Tabone vs Carmel Tabone et** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001.

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "**Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et"** *(A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. L i 390*) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b'danakollu,l-*giudizio dell'arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, *ammenoche* ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkuzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi irragonevoli."

Din il-Qorti mhix f'posizjoni li tmeri relazzjoni teknika ghaliex il-kompitu tal-perit kien wiehed tekniku u ta' certu sengha, li din il-Qorti m'ghandhiex.

Il-Perit tekniku kkonkluda fir-relazzjoni tieghu li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas l-ammont kollu minnha dovut lis-socjeta' attrici rappresentanti l-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha, izda li s-socjeta' konvenuta ghandha tnaqqas ghaxra fil-mija ta' dak li kellu jithallas ghax-xoghol li sar.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpanija attrici pprezentata nhar l-erbgha ta' Mejju, 2010 u dik tas-socjeta'  konvenuta pprezentata nhar it-8 ta' Gunju 2010.

Illi in linea ta' difiza l-kumpanija konvenuta qajjmet tliet eccezzjonijiet.  L-ewwel wahda, dik preliminarja dwar il-preskrizzjoni, gja giet trattata minn din il-Qorti u giet michuda permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti stess datata 24 ta' Ottubru, 2007.

Illi t-tieni eccezzjoni tittratta dwar il-mertu tal-kaz u tghid illi s-somma mitluba mill-kumpanija attrici mhijiex dovuta ghaliex allegatament l-istess kumpanija attrici  naqset milli tlesti x-xoghol qabel l-istagun turistiku li jibda f'Mejju/Gunju, 2004 sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ghat-turisti, u ghaliex naqset li tirrimedja d-difetti fix-xoghol allegati mill-istess kumpanija konvenuta;

Illi t-tielet eccezzjoni tittratta dwar il-*quantum* tat-talba rikorrenti fis-sens illi skond il-kumpanija ntimata s-somma mitluba mhijiex korretta ghaliex skond ir-*records* ta' l-intimata sar pagament ta' Lm6,095 akkont u l-kumpanija rikorrenti allegatament ma kkreditatx dan il-pagament lill-kumpanija ntimata.  Dwar dan jinghad immedjatament li jirrizulta min-numru ta'

dokumenti ezebiti mis-socjeta konvenuta stess (ilkoll immarkati TSL1), li l-kumpanija atttrici kienet harget ricevuta ghall-hlas tas-somma msemmija u din is-somma giet debitament akkreditata lill-akkont tal-kumpanija attrici. Ghaldaqstant il-bilanc mitlub f'din il-kawza huwa bilanc li fadal **wara** li sar il-hlas ta' din is-somma ta' Lm6,095.

Illi fil-fatt, kif tajjeb osserva l-avukat difensur tas-socjeta' attrici, jirrizulta mill-provi li l-kumpanija attrici kienet harget fattura ghax-xoghol taz-zebgha fil-fond l-iehor tal-kumpanija konvenuta maghruf bhala La Vallette, u din il-fattura (Nru.: 032999) ghas-somma ta' Lm6,095 thallset mill-kumpanija konvenuta fis-26 t'Awissu 2003 – Kopja tal-fattura u r-ricevuta rilevanti huma esebiti.

Illi fil-fatt, kif spjega l-istess Alexis Vella Falzon, l-i*statement of account* ezebit minnu u mmarkat VFBS1 juri biss dawk il-fatturi li ghadhom ma thallsux jew li thallsu parzjalment biss, u fost dawn il-fatturi mhijiex inkluza l-fattura msemmija ta' Lm6,095 (nru 032999) ghax-xoghol ta' tibjid li sar fil-La Vallette ghaliex din thallset ghas-saldu.

Illi bhala sfond ghad-diskussjoni dwar l-eccezzjonijiet sollevati mill-kumpanija ntimata fit-tieni paragrafu tar-risposta taghha, jrid jinghad illi mis-somma totali ta' Lm2,667.87 mitluba mill-kumpanija attrici f'din il-kawza, hija biss is-somma zghira ta' Lm221.12 illi tirrelata ghal xoghol ta' zebgha jew tibjid ghaliex il-parti l-kbira ta' din is-somma tirrapprezenta prezz ta' merkanzija ohra mibjugha u kkonsenjata lill-kumpanija ntimata.

Illi fil-fatt kif jirrizulta mill-i*statement of account* imsemmi hawn fuq (Dok. VFBS1) u kif konfermat mix-xhud Alexis Vella Falzon fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Novembru, 2007 (a fol. 2) kull ma ghad fadal illi jithallas ghax-xoghol ta' zebgha huwa s-somma ta' Lm221.12 u dan bhala bilanc tal-fattura (datata

3 ta' Dicembru 2003 bin-numru 034968 ghall-ammont ta' Lm5,520) mahruga ghal xoghlijiet ta' zebgha li saru fil-fond St. George's Park (ara Dok. VFBS1 u l-fattura Dok. VFBS2);

Illi ghalhekk il-bqija tal-fatturi illi ghadhom ma thallsux huma kollha fatturi ghall-forniment ta' merkanzija ohra u **<u>mhux</u>** ghax-xoghol ta' zebgha, u skond il-perit tekniku nominat mill-Qorti dawn il-fatturi jridu jithallsu kollha fl-intier taghhom*;*

Illi m'hemm ebda eccezzjoni, u lanqas ma jirrizulta li qatt kien hemm xi allegazzjoni, lment jew kontestazzjoni dwar il-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-kumpanija attrici lill-kumpanija konvenuta, w ghalhekk dawn il-hlasijiet iridu jsiru.

Jinghad pero' f'dan l-istadju, li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex thallas is-somma ta' Lm221.12, semmai (anke skond ir-rizultanzi tal-perit tal-Qorti) stante li fil-fehma tal-perit kellha titnaqqas is-somma t'ghaxra fil-mija fuq l-appalt li sar peress li kien hemm xi riparazzjonijiet li kien ghad fadal li jsiru, w ghalhekk din il-Qorti mhix ser tordna lis-socjeta' konvenuta thallas dan il-bilanc u fil-fatt mhix qed tippronunzja ruhha fuq il-passi li l-istess socjeta' konvenuta tista' tiehu kontra s-socjeta' attrici dwar l-allegati xoghlijiet li ma sarux, zgur pero' li s-socjeta' konventa f'dan l-istadju ma tistax izzomm il-hlas ta' debiti ohra dovuti lill-kumpanija attrici, ghax m'ghandhomx x'jaqsmu ma' dan ix-xoghol.

Illi s-socjeta konvenuta' fin-nota taghha taghmel hafna referenza ghal kwistjoni tal-appalt li kien hemm u li fil-fehma taghha ma kienx sar tajjeb. Illi din il-Qorti mhix ser tiddiskuti dan l-ilment in vista tal-fatt li anke l-perit dehrlu lil kellu jitnaqqas percentwali ta' dak li s-socjeta' attrici kienet qed titlob ghall-hlas ta' appalt, pero' gara li f'dawn il-proceduri l-parti kbira tal-flejjes dovuti huma rapprezentanti il-bejgh ta' konsenja ta' zebgha u xi

> matrjal iehor, salv ghas-somma ta' LM221.12 imsemmija aktar 'l fuq, liema somma din il-Qorti mhix ser tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas.
>
> Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici fis-somma ridotta ta' LM 2267.87 – LM221.12, u cioe' fis-somma ta' elfejn u sitta w erghin Lira Maltin u hamsa w sebghin centezmu (LM2,046.75) ekwivalenti ghal erbat elef, sebgha mija w sebgha u sittin Ewro w hamsa w sittin centezmu (€4767.65), filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.
>
> L-ispejjez ta' din il-procedura, u l-imghax skond il-ligi, ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta."

L-aggravji proposti mis-socjeta` konvenuta huma fis-sens infraskritt:-

(1) Ma saretx prova adegwata ta' l-ammont dovut tant li gew esebiti *invoices* li ma kellhomx jittiehdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu tas-somma dovuta;

(2) Il-Qorti kien messha, flimkien ma' l-accettazzjoni tal-konkluzjoni tal-perit tekniku, taccetta wkoll il-konkluzjoni tieghu illi jekk diga thallsu xi ammonti dawn ghandhom jitnaqqsu mill-ammont bilancjali;

(3) Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni intentata a norma ta' l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili;

Proprju fuq dan l-ahhar aggravju sollevat mis-socjeta` appellanti ghall-ewwel darba f'dan l-istadju, hi t-tezi ta' din l-istess socjeta` illi jekk, kif inghad, si tratta minn appalt, allura ghandu japplika d-dispost imsemmi gjaladarba l-fatturi jkopru l-perijodu bejn it-3 ta' Dicembru 2002 u s-16 ta' Lulju 2004 u l-azzjoni giet ipprezentata fl-20 ta' Settembru 2006. Kontra din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla s-socjeta` attrici tikkontendi illi hi insostenibbli

ghaliex hi nieqsa mill-formalita` rikjesta u, inoltre, gja giet sollevata fil-kawza. Hija tissokta ssostni illi una volta gja tqajmet preskrizzjoni partikolari fl-ewwel istanza [Artikolu 2148 (a)], issa s-socjeta` appellanti ma tistax tbiddel dik l-eccezzjoni billi tinvoka preskrizzjoni ohra [Artikolu 2149 (a)];

Bhala sfond ghal din il-kwestjoni kontrovertita jibda biex jinghad illi skond id-decizjoni taghha ta' l-24 ta' Ottubru, 2007 l-ewwel Qorti iddeterminat illi l-ftehim negozjali bejn il-partijiet kien wiehed ta' appalt u, konsegwentement, ghall-fattispeci ma kienx applikabbli l-Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16. Dan ghal motiv illi s-socjeta` attrici pprovdiet kemm materjal kif ukoll servizzi lis-socjeta` appellanti. In vista ta' din il-konkluzjoni s-socjeta` appellanti qeghda issa tissolleva b'opposizzjoni l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2149 (a);

Hu provvdut mill-Artikolu 2112, Kodici Civili illi "l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell". Dan qatt ma jidher li gie dubitat, (ara "**Paul Balzan *nomine* -vs- John A. Scicluna *nomine***", Appell, 3 ta' Dicembru, 1999), salv dejjem s'intendi l-kwestjoni rigwardanti l-kap ta' l-ispejjez (ara "**Francesco Calleja -vs- Luigi Falzon**", Appell Kummercjali, 12 ta' Lulju, 1918). Jikkonsegwi bit-twegiba ghal certa sottomissjoni tas-socjeta` appellata illi ma kien hemm l-ebda ostakolu li jzomm lis-socjeta` appellanti milli f'dan l-istadju ta' l-appell tqajjem preskrizzjoni gdida. Almenu jidher li l-unika limitazzjoni fejn il-preskrizzjoni ma tkunx tista' titqajjem f'dan l-istadju hi dik fejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni specifika sollevata tkun giet purament u sempliciment rinunzjata waqt il-kors tal-kawza. Ara "**Maria Debono *et* -vs- Filippa Debono *et***", Appell Civili, 15 ta' Jannar, 1965. Hu pero` wkoll rikonoxxut illi dik l-istess rinunzja tista' wkoll tkun soggetta ghall-kondizzjoni, limiti jew rizervi f'liema eventwalita` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' terga' titqajjem. Ara "**Frank Borg -vs- John Nicola Cassar**", Appell Kummercjali, 19 ta' Frar, 1960;

Ghal kompletar ulterjuri dwar dak sottomess mis-socjeta` appellata li jista' jinghad hu dan. "Invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati mil-ligi, il-Qorti ma tistax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk kienx applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma tkunx giet invokata". Ara "**Domenico Bezzina *proprio et nomine* -vs- John Said**", Qorti tal-Kummerc, 4 ta' Marzu, 1958, li, incidentalment, ukoll kienet titratta bejn l-applikabilita ta' l-Artikolu 2148 (a) u l-Artikolu 2149 (a). Ara wkoll l-Artikolu 2111, Kodici Civili.

Kif imfisser, mill-gurisprudenza l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili ossija l-preskrizzjoni bijennali ma tikkontemplax il-kaz ta' fornituri ta' materjal in generali izda l-fornituri li jsiru minn appaltaturi ta' xoghlijiet, li flimkien ma' l-opra taghhom kienu in konnessjoni ma' l-istess opra fornew ukoll il-materjali mehtiega. Ghaldaqstant dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghal kaz ta' semplici fornituri ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' opra li ghaliha l-materjali servew. Ara "**George Zammit -vs- Teresa Bonnici *nomine***", Appell Civili 27 ta' Mejju 1957, "**Gio Maria Camilleri -vs- John Licari *et***", Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru, 1972, "**Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri *et***", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977, u "**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Anthony Borg**", 27 ta' Jannar, 1997, fost hafna ohrajn;

Premess dan, is-socjeta` appellanti tissottometti illi l-pagament akkont li sar fl-20 ta' April 2006 ma kellux jissarraf f'interruzzjoni tal-preskrizzjoni invokata. Hi tissottometti dan fuq l-istregwa tar-ragonament illi l-hlas kien jinhareg lil Alexis Vella Falzon personalment u, imbaghad, dan kien internament jalloka dak il-hlas lil xi wahda mill-kumpaniji minn fost l-grupp tal-kumpaniji tieghu. Naturalment, il-kumpanija appellanti tissottometti dan biex tinnewtralizza l-portata tar-ricevuta a fol. 46

datata 21 ta' April, 2006 li nharget fuq l-intestata tas-socjeta` attrici;

Jidher minn dan sottomess, kif ukoll mill-fatti u mill-kjarifiki taghhom kif jemergu mill-inkartament tal-kaz, illi ghandu ragonevolment u objettivament jitnisel illi kienet uzanza fl-attribut ta' l-imsemmi Alexis Vella Falzon li jaghzel dik il-kumpanija minn fost il-grupp li lilha jigi allokat il-pagament li jkun sar. Is-socjeta` appellanti targomenta illi tenut kont tal-fatt li kien hemm tliet kumpaniji fil-grupp jivvantaw kreditu fil-konfront taghha, dak il-pagament ma jistax iservi bhala interruzzjoni ghaliex kien Alex Vella Falzon li ghazel li johrog ricevuta f'isem dik il-kumpanija partikolari;

Huwa opportun li jigi registrat fuq it-taghlim tal-**Baudry-Lacantinerie et Barde** ("**Obbligazioni**"), Vol. I para. 554) b'referenza ghad-decizjoni tat-Tribunal Kummercjali ta' Nantes tal-21 ta' Frar, 1903, illi "*quando si tratta di una convenzione che e` stata gia seguita durante uno o piu` anni, la comune intenzione delle parti risulta a sufficienza dall'interpretazione che esse stesse hanno dato alla convenzione per gli anni decorsi*". Jinkalza, imbaghad, bi precizjoni l-**Giorgi** ("**Obblig.**" Vol. IV para 182) illi "*quando le parti contraenti abbiano eseguito una convenzione, il modo in cui l'hanno attuata chiarisce la loro volonta`; e se l'hanno eseguita in parte o per qualche tempo, la convenzione deve eseguirsi nel modo medesimo anche nel rimanente o per l'avvenire*". Dan kollu qed jigi rilevat biex tillustra l-punt illi l-usanza jew l-osservanza uniformi tad-distribuzzjoni tal-pagamenti mid-direttur tas-socjetajiet fi hdan il-grupp, ben nota ghas-socjeta` appellanti, ma ghandhiex issa tigi rinfaccjata lis-socjeta` appellata ghal fini li r-ricevuta emessa fil-21 ta' April 2006 ma ghandhiex tekwivali ghal pagament akkont maghmul lill-kumpanija attrici, u, allura, ghal skop ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni sollevata. Fid-dawl tal-fatti u tac-cirkostanzi premessi, u dak ukoll tan-nuqqas ta' kontestazzjoni fiz-zmien debitu ta' dik ir-ricevuta kif intestata, is-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi illi dak id-dokument ma ghandu jservi ebda utilita`. Huwa pacifiku illi "l-pagament akkont tad-debitu

jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn u ghalhekk jinterrompi l-preksrizzjoni”. Ara “**Alfredo Brownrigg -vs- Giuseppe Fenech**”, Appell Kummercjali, 30 ta’ Ottubru, 1936 u l-Artikolu 2134 Kodici Civili;

Ghar-ragunijiet ventilati u hawn fuq espressi, il-preskrizzjoni opposta a tenur ta’ l-Artikolu 2149 (a) qed tigi michuda, in vista ta’ dik l-interruzzjoni dovuta ghar-rikonoxximent tad-debitu;

Kwantu ghall-ewwel u t-tieni aggravji jibda biex jigi premess illi, kif kaptat mir-rapport peritali, ix-xoghlijiet u materjal kienu fil-kaz in ezami jitotalizzaw l-ammont ta’ €27,055.67. L-istess perit relatur irrileva in konkluzjoni illi, skond il-fehma tieghu, is-socjeta` konvenuta ghandha thallas tax-xiri tal-materjal fornit lilha izda fl-istess waqt mill-ammont komplessiv fuq indikat ghandha titnaqqas l-ekwivalenti ta’ 10% jew €2,705.57 biex jikkumpensa ghan-nuqqas ta’ rtukkjar jew tiswijiet mehtiega. Huwa zied jghid li dan l-ammont ghandu jigi dedott minn kull bilanc dovut;

L-ewwel Qorti rragunat illi mis-somma reklamata (Lm2677.87) hija biss is-somma ta’ Lm221.12 li tirrelata max-xoghol li ghandha titnaqqas in kwantu l-kumplament huwa abbinat mal-fornituri ta’ materjal u mhux ghax-xoghol ta’ zebgha;

B’kull rispett dovut din il-Qorti ma thossx li tista’ taqbel ma’ dan ir-ragonament ta’ l-ewwel Qorti in kwantu l-appalt ma jistax jigi spezzettat, tant ghal materjal u tant ghal-lavorazzjoni, izda ghandu jigi konsidrat *quid unum* bi prezz uniku. Kien jinkombi allura b’dover fuq l-ewwel Qorti, una volta din ghamlet taghha r-relazzjoni peritali teknika, illi mis-somma mituba (Lm2667.87 ossija €6214.47) tigi mnaqqsa c-cifra ta’ €2705.57 korrispondenti ghall-ghaxra fil-mija ta’ percentwali li l-istess espert tekniku stabbilixxa li ghandha tkun ic-cifra ta’ deduzzjoni biex taghmel tajjeb ghall-vizzji riskontrati fl-appalt. Vizzji

dawn li setghu kellhom konnessjoni sija max-xoghol, sija mal-materjal supplit. Wara kollox, kien l-istess perit gudizzjarju li opina illi hu ma kienx in grad li jiddetermina b'certezza, wara tant snin, jekk z-zebgha li nqalghet kienetx rizultat ta' materjal mhux adegwat, jew ta' applikazzjoni mhux skond is-sengha u l-arti jew ghal xi kawza barranija ("deterjorazzjoni naturali"). Ara para (l) tar-rapport tieghu. Jikkonsegwi minn dan illi meta mis-somma mitluba (€6214.47) titnaqqas is-somma ta' €2705.57 il-bilanc realment dovut hu dak ta' tlett elef hames mija u tmien euro, disghin centezmu (€3508.90). Hi din is-somma li s-socjeta` appellanti kellha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici.

Ghal motivi predetti l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti, tvarja s-sentenza appellata billi ghas-somma stabbilita mill-ewwel Qorti fil-parti decizorja tas-sentenza tissostitwixxi s-somma ta' tlett elef hames mija u tmien euro, disghin centezmu (€3508.90) bl-imghaxijiet dekorribbli mit-22 ta' Novembru 2006 (data tan-notifika ta' l-Avviz). L-ispejjez tal-proceduri prezenti jitbatew kwantu ghal terz (1/3) mis-socjeta` attrici appellata u zewg terzi (2/3) mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------